*Indebiti solutio; kuntratt ta' bejgh; actio redhibitoria; actio aestimatoria; ratifika tal-obbligazzjoni*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017

**Numru 5**

**Citazzjoni Numru 1540/00TA**

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Constantino Abela**

**Il-Qorti:**

Rat ic-Citazzjoni tas-socjeta` attrici pprezentata fil-21 ta' Lulju 2000 u mahlufa fl-istess data minn Joseph Aquilina in rappresentanza tal-istess socjeta` attrici li permezz tieghu talab is-segwenti:-

> "Peress illi fit-22 ta' Mejju 1997 il-konvenut ordna sistema ta' *Automatic Fuel Dispensing Unit* minghand is-socjeta` attrici, versu l-prezz u l-kundizzjonijiet elenkati fil-*confirmation of order* iffirmat mill-konvenut (dokument A), u liema

sistema giet debitament installata mis-socjeta` attrici ghall-beneficcju tal-istess konvenut;

Peress illi fis-6 ta' Awwissu 1999, sar rapport mill-konvenut dwar hsara f'dan il-makkinarju, liema hsara rrizultat, waqt spezzjoni maghmula fis-16 ta' Awwissu 1999, il-konsegwenza ta' att vandalizmu kkawzat fuq il-*cash acceptor* li tifforma parti minn din is-sistema (dokument B);

Peress illi fl-1 ta' Frar 2000, is-socjeta` attrici, in buona fede u bil-fehma illi dan ix-xoghol kien gie ordnat mill-konvenut, biddlet u ssostitwiet dan il-*cash acceptor* formanti parti mis-sistema tad-*Dispensing Unit*, b'accessorju iehor gdid u mhux uzat (dokument C).

U peress illi, in segwitu`, il-konvenut irrifjuta li jhallas il-prezz ta' dan l-accessorju u, minkejja li debitament notifikat anke b'ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2000, irrifjuta wkoll li jirrestitwixxi dan il-*cash acceptor* lis-socjeta` attrici fl-istat pristinu tieghu, dana kollu minghajr ebda raguni gustifikata jew valida fil-ligi;

U peress illi dan il-*cash acceptor* qieghed jintuza regolarment mill-konvenut bhala parti integrali mis-sistema tal-*Automatic Fueql Dispensing Unit*, u ghalhekk is-socjeta` attrici ghandha suspett fondat illi dan l-accessorju ma ghadux fl-istat pristinu tieghu;

U peress illi, ghar-ragunijiet premessi, il-konvenut arrikka ruhu indebitament b'valur ekwivalenti ghal *cash acceptor* gdid, illi s-socjeta` attrici ma kenitx tikkonsenja u tinstalla ghand il-konvenut, kieku mhux ghax kienet tal-fehma illi dan l-accessorju kien gie ordnat mill-istess konvenut.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut il ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. prevja dikjarazzjoni mitluba minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, illi l-*cash acceptor* hawn fuq deskritt ghadu jinzamm mill-konvenut fl-istat pristinu tieghu bhala accessorju gdid u mhux uzat, tordna lill-konvenut sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, jirrestitwixxi l-*cash acceptor* lis-socjeta` attrici f'dan l-istat pristinu tieghu; u

2. f'kaz illi jirrizulta illi dan l-accessorju ma ghadux fl-istat pristinu tieghu ossija f'kaz illi l-konvenut jonqos milli jirrestitwixxi l-*cash acceptor* lis-socjeta` attrici fiz-zmien lilu prefiss, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM2293.20, jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti l-valur tal-*cash acceptor* ikkonsenjat u installat mis-socjeta` attrici ghall-beneficcju tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2000, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` attrici kontra l-konvenut, sew ghall-uzu ta' dan l-accessorju u sew ghall-hsarat li jistghu talvolta jkunu ezistenti fil-*cash acceptor* meta jigi restitwit lis-socjeta` attrici."

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fid-19 ta' Settembru 2000 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ladarba rrizultaw hsarat fil-*cash acceptor*, dan l-apparat kellu per forza jinbidel sabiex il-*fuel dispensing equipment* ikun funzjonabbli.

2. Illi ai termini tal-garanzija moghtija fuq l-istess *fuel dispensing equipment*, is-sostituzzjoni u stallazzjoni tal-*cash acceptor* kellhom ikunu koperti bl-istess garanzija ladarba irrizulta li l-apparat kien difettuz u l-garanzija tkopri "*mechanical or electrical faults*".

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi."

Rat li l-konvenut ipprevala ruhu mit-talbiet attrici u pprezenta kontro-talba fid-19 ta' Settembru 2000 li permezz taghha ssottometta s-segwenti talbiet rikonvenzjonali:-

"Premess illi l-konvenut rikonvenzjonant ordna u akkwista *fuel dispensing equipment* tal-marka Dostask System 600 minghand is-socjeta` attrici rikonvenzjonata, kif jirrizulta mill-anness Dok. A; u

Premess illi l-bejgh sar versu l-prezz ta' sitt elef hames mija u sitta u disghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm6,596.39) liema hlas sar fi tlett pagamenti, l-ewwel pagament ta' Lm1,825.50 fit-23 ta' Mejju 1997, it-tieni pagament ta' Lm2,795 fil-11 ta' Awwissu 1997 u l-ahhar pagament ta' Lm1,975.89 fit-18 ta' Mejju 1999; u

Premess illi l-garanzija fuq l-istess *fuel dispensing equipment* hija ta' tmintax (18)-il xahar mid-data tal-istallazzjoni (Dok. B u C); u

Premess illi l-istess istallazzjoni tal-*fuel dispensing equipment* saret f'Gunju 1999 u bdiet topera fit-8 ta' Gunju 1999; u

Premess illi ftit tax-xhur wara irrizultaw hsarat fl-istess machine ta' natura mekkanika u teknika (kif jirrizultaw mill-annessi *repair forms* Dok. D1 – D8) kif debitament koperti bil-garanzija; u

Premess illi konsegwentement l-istess machine ma tistax tintuza ghall-uzu li ghalih inxtrat stante li hija difettuza u anke kellu jinbidel xi apparat (*electronic chip* tal-*cash acceptor*) biss ftit xhur wara li l-machine bdiet tintuza; u

Premess illi saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bejn il-partijiet u ghalkemm is-socjeta` attrici rikonvenzjonata giet interpellata diversi drabi sabiex tezegwixxi r-riparazzjonijiet mehtiega fil-*fuel dispensing machine* u tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni, rapprezentanti telf ta' qliegh, baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta` attrici rikonvenzjonata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-*fuel dispensing equipment* Dostask System 600 li nxtrat mill-konvenut rikonvenzjonant minghand is-socjeta` attrici rikonvenzjonata hi difettuza u ghaldaqstant mhux tal-kawlita` pattwita.

2. Tiddikjara li l-bejgh tal-*fuel dispensing equipment* huwa null.

3. Tiddikjara lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant rapprezentanti telf ta' qliegh.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant, okkorendo permezz tal-opera ta' periti nominandi.

5. Tikkundanna lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata thallas l-ammont li jigi hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti in via ta' danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant.

6. Tikkundanna lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' sitt elef hames mija sitta u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm6,596.39) rapprezentanti l-prezz imhallas mill-konvenut rikonvenzjonant ghall-akkwist tal-*fuel dispensing unit* jew ammont iehor li jigi hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti oltre d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali datati 13 ta' Jannar 1999, 1 ta' Frar 1999, 18 ta' Marzu 1999, 21 ta' April 1999, 17 ta' Jannar 2000, 8 ta' Mejju 2000 u 17 ta' Mejju 2000 u bl-imghax legali kontra s-socjeta` attrici rikonvenzjonata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenut datata 13 ta' Ottubru 2000, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"1. Illi in linea preliminari, il-konvenut iddekada mid-dritt tieghu li jintavola l-kontrotalba odjerna kontra s-socjeta` attrici, bl-eghluq taz-zmien specifikat fl-Artikolu 143(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, fuq il-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-konvenut huma fi kwalunkwe kaz, infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi ma huwiex minnu illi l-makkinarju in kwistjoni huwa kolpit b'xi difett, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-konvenut, sew ghan-nullita` tal-bejgh tal-makkinarju u sew ghad-danni minnu pretizi, hija daqstant infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi, kif ser jigi ppruvat fil-proceduri odjerni, il-konvenut accetta u ha pussess tal-makkinarju in kwestjoni fi stat perfettament funzjonali u seta' jintuza ghall-iskop li ghalih inxtara mill-istess konvenut;

4. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` mhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat li ma gietx prezentata nota ta' sottomissjonijiet mill-konvenut rikonvenzjonant;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 2017 kif ukoll id-digriet moghti fl-istess jum fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Minn ezami akkurat tal-atti u mill-assjem tal-provi l-Qorti tissenjala s-segwenti fatti ewlenin li taw lok ghal din il-pendenza u li huma ta' rilevanza ai fini tat-talbiet mressqa fic-citazzjoni u l-kontro-talba mis-socjeta` attrici u l-konvenut rispettivament:-

i. Fit-22 ta' Mejju 1997 il-konvenut iffirma *confirmation of order* li permezz taghha akkwista minghand is-socjeta` attrici apparat ta' *Automatic Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600 versu l-prezz u l-kundizzjonijiet elenkati fl-istess (ara *confirmation of order* a` fol 6 u a` fol 20 tal-process);
ii. Permezz ta' ittra datata 3 ta' Gunju 1997 (a` fol 21 u 66 tal-process), il-konvenut inghata garanzija ghal perjodu ta' tmintax–il xahar mid-data tal-istallazzjoni.
iii. Dan l-apparat gie konsenjat lill-konvenut gewwa C. Abela Auto Service Station, Mosta Road, Lija fil-11 ta' Awwissu 1997, (ara ittra mibghuta mis-socjeta` attrici a` fol 131) izda fuq direzzjoni tal-

konvenut l-apparat ma giex installat peress li, skont kif sottomess minnu, huwa kien qed jistenna xi permessi relattivi minghand l-Awtorita` tal-Ippjanar u xi pompi minghand il-Korporazzjoni Enemalta (ara xhieda ta' Christopher Rizzo a` fol 74 u affidavit tal-konvenut a` fol 126);

iv. Fis-16 ta' Lulju 1998, saret *site visit* mill-*electronics technician* Simon Cachia fejn saret laqghha mal-kuntrattur u gie spjegat lilu r-rekwiziti ghall-istallazzjoni elettrika tal-*Automatic Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600 (ara l-installation form numru 3530 ffirmat mill-intimat a` fol 162);

v. Peress li s-sistema damet biex tigi nstallata minn meta giet ikkunsenjata, gie konfermat mir-rapprezentant legali tas-Socjeta Attrici permezz ta' ittra datata 4 ta' Mejju 1999 (a` fol 22) li t-tmintax–il xahar garanzija kellhom jibdew jiddekorru mid-data li fiha s-sistema tigi effettivament installata diment li s-sistema tigi hekk installata fi zmien tlett gimghat mid-data tal-imsemmija ittra;

vi. Mill-provi jirrizulta li hemm nuqqas ta' qbil fuq id-data definittiva ta' meta giet fil-fatt installata l-*Automatic Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600 pero` jirrizulta mill-*printout* tal-magna ta' dan l-apparat (fol 163) li fis-27 ta' Mejju 1999 l-apparat imsemmi kien diga` qieghed mqabbad u qed jahdem;

vii. Fis-27 ta' Lulju 1999, l-*electronics technician* Simon Cachia gie dirett mis-socjeta` attrici sabiex jaghmel *mechanical adjustment* biex il-flus jghaddu ahjar ghal gos-safe minghajr ma jehlu (ara *repair form* numru 4620 datata 27 ta' Lulju 1999 a fol 23 u 96, kif ukoll kontro-ezami ta' Simon Cachia a fol 109);

viii. Kif jirrizulta mir-rapport mahrug mill-pulizija fl-ghassa ta' Birkirkara datat 31 ta' Lulju 1999 (ara fol 132) li ghamel il-konvenut, matul il-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Lulju 1999, sar tentattiv bla success biex tigi sgassata l-*cash acceptor* tal-*Automatic Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600. Dan it-tentattiv issarraf fi hsarat kagunati fuq il-*locks*, il-*handle* u l-bieba tal-*cash acceptor* izda l-magna nnifisha baqghet intatta u ma garrbet l-ebda hsara tant li meta il-konvenut irraporta lill-*insurance*, din tal-ahhar ikkonfermat, wara li baghtet is-*surveyor* fuq il-post, li l-magna ma kienx fiha hsara u ghalhekk il-konvenut ma fetahx *insurance claim* fir-rigward ta' dan l-incident (ara punt 9 tal-affidavit tal-intimat a` fol 128) u baqa' jahdem bl-istess magna;

ix. Il-konvenut ressaq ilment lis-socjeta` attrici fis-sens li l-magna ma kienetx qed taccetta flus jew taghti izjed *fuel* mill-flus li kienet taccetta (ara punt 10 tal-affidavit tal-konvenut a` fol 128). Fil-kontro-ezami tieghu a` fol 186, il-konvenut ikompli jispjega li l-ilment ma kellu l-ebda rabta ma l-isgass li kien sar ftit jiem qabel izda kien jirrigwarda

unikament il-fatt li l-magna ma bdietx taccetta l-flus jew taccetta l-flus u taghti l-bqija hazin:-

"*B'referenza ghal ghaxar paragrafu ta' l-affidavit tieghi, l-avukat Desira qieghed jistaqsini ghaliex ladarba lis-sgass kien sehh fl-ahhar ta' Lulju, jiena avzajt lill-kumpanija attrici biss fis-6 ta' Awwissu u nispjega illi peress illi ma kienx hemm hsara ohra, kont avzajt lill-kumpanija attrici wara illi din il-magna ma bdietx taccetta l-flus. Irrid nghid ghalhekk illi kieku mhux ghal fatt illi f'dawk il-hamest ijiem, il-magna ma bdietx taccetta l-flus jew inkella taccetta l-flus u taghti l-bqija hazin, jiena lil ASL ma kontx navza ghaliex kfi ghidt diga bl-isgass illi sar fil-31 ta' Lulju, ma kien hemm l-ebda hsara fil-magna, hlief fil-bieba.*"

x. Is-socjeta` attrici rrispondiet ghal dan l-ilment billi baghtet l-*electronics technician* Simon Cachia fis-6 ta' Awwissu 1999. Is-sur Cachia spezzjona l-apparat u fir-*repair form* numru 9003 ffirmata kemm minnu u mill-konvenut Constantino Abela (a` fol 7, 24 u 97) rraporta *inter alia* li l-*cash reader* sofriet xi danni konsegwenza ta' attakk ta' vandalizmu u li ghandu jikkwota lill-klijent il-prezz ta' *cash register* gdida biex tissostitwixxi l-*cash register* prezenti;

xi. Kif johrog min-tlett *Repair Forms* numri 4622, 10006 u 10320 ffirmati mis-Sur Simon Cachia u l-Intimat, sehhew tlett spezzjonijiet fl-24 ta' Awissu 1999 (fol 25 u 98), fis-7 ta' Ottubru 1999 (a` fol 26 u 99) u fit-3 ta' Jannar 2000 (a` fol 27 u 101) fejn irrizulta li s-sistema ta' *Automatic*

*Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600 kienet xi drabi qieghda taccetta flus foloz, jew ma taccettax flus, jew tirrikonoxxi karta ta' LM5 bhala wahda ta' LM10 u ghalhekk is-socjeta` attrici ddecidiet li tissostitwixxi a spejjez taghha l-*electronic chip* installata fil-*cash acceptor* maghrufa bhala EPROMM b'wahda gdida mibghuta mid-ditta *Dostask Technology AG* li hija s-*supplier* tas-socjeta` attrici fuq kull cash acceptor tal-*Automatic Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600 installati madwar Malta inkluz dik tal-konvenut. Din l-EPROMM il-gdida kellha l-funzjoni li taghraf ahjar il-flus illi jigu nseriti fil-magna (ara affidavit ta' Chistopher Rizzo a` fol 61);

xii. Però kif jirrizulta mir-*repair form* numru 10455 datata l-1 ta' Frar 2000 (a fol, 8, 28 u 102), minflok ma giet sostitwita l-EPROMM biss, gie sostitwit l-*cash acceptor* shih b'wiehed gdid liema *cash acceptor* gdid kellu wkoll installat go fih l-ahhar verzjoni gdida tal-EPROMM;

xiii. Hekk kif jirrizulta mir-repair form sussegwenti numru 10467 (a` fol 29 u 103), saret spezzjoni ohra jumejn wara, jigifieri fit-3 ta' Frar 2000, fejn is-Sur Cachia prova jkompli jirfina s-*sensitivity* tal-*cash acceptor* il-gdid;

xiv. Saret spezzjoni ohra fl-10 ta' Marzu 2000 ghaliex id-data fis-sistema baqghet imwahhla fuq dik ta' 29 ta' Frar (ara *fault report details* tar-*repair form* numru 10841 datata 10 ta' Marzu 2000 ffirmata mis-Sur Cachia u l-intimat a` fol 30 u 105);

xv. Kif jirrizulta mir-*repair form* numru 10873 datata 21 ta' Marzu 2000 (a` fol 65 u 104) Simon Cachia rega' mar fil-*petrol station* tal-konvenut sabiex jissosstiwixxi l-*cash acceptor* il-gdid ma' dak li kellu qabel wara li l-konvenut ma riedx ihallas ghal *cash acceptor* il-gdid (ara *fault/repair details* tar-*repair form*) izda l-konvenut ma ppermettix lis-Sur Cachia jbiddel il-*cash acceptor* u rrifjuta wkoll li jiffirma ir-*repair form*;

xvi. Jumejn wara, ossia fit-23 ta' Marzu 2000, il-konvenut iddecieda li jaghmel rapport l-ghassa liema rapport jinstab a` fol 134 u 166 tal-process;

xvii. Jirrizulta li fit-13 ta' Gunju 2000 saret spezzjoni ohra mis-Sur Simon Cachia wara rapport mill-konvenut li l-*cash acceptor* il-gdida wkoll ma bdietx taccetta l-flus jew, bl-oppost tal-*cash acceptor* ta' qabel, tqis karta ta' LM10 bhala wahda ta' LM5 (ara *repair form* numru 11555 a fol 106);

xviii. Sussegwentement is-socjeta` attrici baghtet lis-*supplier* taghha *Dostask Technology AG* ittra datata 19 ta' Gunju 2000 u *print out* mill-magna datata 16 ta' Gunju 2000 permezz ta' liema talbu parir rigward l-ilment imressaq mill-konvenut li l-*cash acceptor* ma taccettax flus (ara l-ittra u l-*print out* mill-magna a` fol 164 u 165);

xix. Jirrizulta minn ittra datata 29 ta' Awwissu a` fol 67 li s-socjeta` attrici ssugeriet lis-Sur Abela li tinqala l-*cash acceptor* il-gdida u titpogga li

kellu qabel halli l-*cash acceptor* il-gdida tintbaghat ghall-ezaminazzjoni fil-Germanja. Il-konvenut izda rrifjuta din il-proposta permezz ta' ittra mibghuta lis-socjeta` attrici ffirmata mir-rapprezentant legali tieghu u prezentata bhala Dok CR2 izda ghal xi raguni dan id-dokument ma jinstabx fil-process (ara affidavit u xhieda ta' Christopher Rizzo a` fol 63, 89, 231 u 234);

xx. Fil-21 ta' Lulju 2000 gew istitwiti l-proceduri odjerni.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**2.** Din il-Qorti tara li l-partijiet naqsu milli jipprecizaw taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi huma arginati t-talbiet kontenuti fic-citazzjoni mressqa mis-socjeta` attrici u l-azzjoni tal-kontro-talba sperimentata mill-konvenut rikonvenzjonant u dan meta kien kompitu taghhom li jistradaw il-kawza taghhom prospettata fl-azzjonijiet rispettivi istitwiti minnhom. Dan holoq diffikulta` ghal din il-Qorti li hi marbuta biex tiddeciedi in linea ma' dak mitlub minghajr ma tqis hi minn rajha n-natura tal-azzjoni proposta u d-dispozizzjonjiet tal-ligi li jistghu jkunu applikabbli ghall-kaz. Minhabba dan in-nuqqas din il-Qorti kellha tidhol f'ezercizzju legali hi biex tabbina mal-ligi t-talbiet mressqa fiz-zewg azzjonijiet rispettivi.

**3.** Fic-citazzjoni mressqa minnha, s-socjeta` attrici qieghda titlob sabiex il-konvenut jirrestitwixxi lura l-*cash acceptor* il-gdid fl-istat pristinu tieghu jew

ihallas lis-socjeta` attrici ammont rapprezentanti l-valur ta' dan il-*cash acceptor* il-gdid li, skont is-socjeta` attrici, kien gie hekk sostitwit kif fuq inghad in buona fede u bil-fehma li hekk kien gie ordnat mill-konvenut.

**4.** Mit-termini tat-talbiet esperiti fic-citazzjoni johrog ghalhekk li n-natura ta' l-azzjoni de quo tinkwadra ruhha fid-dispost ta' l-artikolu 1021 u l-artikolu 1024. Hi l-azzjoni *indebiti solutio* mahsuba sabiex "*kull min jircevi sew xjentement jew bi zball haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun irceviha bla jedd*" (Art 1021). Inoltre "*dak li minghajr jedd ikun ircieva xi hag'ohra, li mhix flus, illi tkun ghadha ghandu, hu obbligat irodd il-haga nfisha lil dak li minn ghandu jkun ircevieha*" (Art 1024).

**5.** Min-naha l-ohra l-konvenut kemm fin-nota ta' eccezzjonijiet kif ukoll fil-kontro-talba mressqa minnu qed jinvoka l-obbligu tal-bejjiegh li jiggarantixxi l-haga mibjugha kif impost fl-artikolu 1378 tal-Kap. 16 billi jghid li s-sostituzzjoni u stallazzjoni tal-*cash acceptor* ghandhom ikunu koperti bil-garanzija li giet mifthema bejniethom (a` fol 21 u 66) fit-termini tal-artikolu 1410 tal-Kap. 16.

**6.** Permezz tal-ewwel zewg talbiet u l-ahhar talba mressqa fil-kontro talba, il-konvenut rikonvenzjonant talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-fuel *dispensing equipment* Dostask System bil-*cash acceptor* kif sostitwit m'huwiex ta' kwalita` pattwita ghax huwa milqut b'difett latent u

ghaldaqstant il-prezz ghandu jigi rifuz lura lill-konvenut u l-bejgh tieghu jigi dikjarat null.

**7.** Gie rilevat li "*Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita` huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta' l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja ta' l-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni ta' l-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja; huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprovdi lix-xerrej*" (**JC Hydraulics Ltd v. Waste Control Services Limited**, Qorti Civili Prim' Awla, 28 ta' Gunju 2001).

**8.** Mill-atti johrog li l-ewwel spezzjoni li saret fuq l-ilment tal-konvenut rikonvenzjonant li l-*cash acceptor* il-gdida kif sostitwita ma bdietx taccetta l-flus jew taghraf hazin il-valur tal-karti tal-flus, sar fit-13 ta' Gunju 2000 u cjoe kwazi tlett xhur wara l-21 ta' Marzu 2000 li hija d-data li fiha l-*cash acceptor* il-gdida giet hekk konsenjata lill-konvenut rikonvenzjonant.

**9.** Dan ifisser li l-allegat difett latent fuq liema l-konvenut rikonvenjent qed jibbaza l-pretensjonijiet tieghu ma rrizultax fil-mument tal-konsenja tal-*cash acceptor* il-gdida kif sostitwita. Ghaldaqstant din il-Qorti tiddezumi li l-azzjoni esperita permezz tal-kontro-talba ma hijiex ibbazata fuq l-artikolu 1390 tal-Kap. 16 izda hija dik redibitorja jew in garanzija mifthema bejnet il-partijiet kif ukoll akkordata mil-ligi lix-xerrej bl-Artikolu 1424 tal-Kap 16. Isegwi li l-ewwel, it-tieni u s-sitt talba tressqu fit-termini tal-artikolu 1427 tal-Kap. 16 liema artikolu jaghti d-dritt ghax-xoljiment tal-bejgh f'kaz ta' vizzju redibitorju.

**10.** Di piu` permezz tat-tielet, ir-raba u l-hames talba esperiti fil-kontro-talba l-konvenut rikonvenjent qed jitlob ukoll il-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minnu rapprezentanti telf ta' qliegh fit-termini tal-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kap 16.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**11.** Hekk stabbiliti l-fatti kif ukoll il-bazi legali tal-azzjonijiet istitwiti permezz tac-citazzjoni mressqa mis-socjeta` attrici u l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjent, din il-Qorti issa se tapplika l-ligi mal-mertu tal-kaz biex tqis jekk it-talbiet fl-istess humiex misthoqqa.

**12.** L-azzjoni *indebiti solutio* taht l-artikolu 1021 u l-artikolu 1024 tal-Kap. 16 timponi l-obbligu fuq min ikun ircieva xi haga minghajr jedd li jrodd il-haga nnifisha lil dak li minn ghandu jkun irceviha.

**13.** Fin-nota ta' eccezzjonijiet mressqa minnu l-konvenut jghid li l-ewwel *cash acceptor* kienet difettuza tant li kienet tirrendi l-*fuel dispensing equipment* mhux funzjonabbli u ghalhekk is-sostituzzjoni u l-installazzjoni tal-*cash acceptor* kienet mehtiega u kellha tkun koperta bil-garanzija li tkopri "*mechanical or electrical faults*".

**14.** Mill-fatti mhux kontestati jirrizulta li fl-*Automatic Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600 kien hemm (1) hsara kagunata unikament fuq il-bieba tal-*cash acceptor* wara attentat vandalu ta' tentattiv ta' sgass li sehh matul il-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Lulju 1999 u cioe` xahrejn wara li l-apparat gie nstallat fil-*petrol station* tal-konvenut, u (2) difett fl-*electronic chip* installata fil-*cash acceptor* maghrufa bhala EPROMM li kienet qed taccetta flus foloz, jew ma taccettax flus, jew tirrikonoxxi karta ta' LM5 bhala wahda ta' LM10.

**15.** Jigi osservat li bis-sahha tal-garanzija prezunta *de jure* fl-artikolu 1409 tal-Kap. 16, il-bejjiegh ghandu jaghmel tajjeb lix-xerrej ghall-evizzjoni li ttelfu l-haga mibjugha liema garanzija giet f'dan il-kaz ukoll miftehma permezz ta' skrittura a` fol 21 u 66 fit-termini tal-artikolu 1410 tal-Kap. 16.

**16.** F’dan l-isfond din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta’ **Mary Micallef vs Darker Building Construction Limited** moghtija fid-19 ta’ Jannar 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn gie ritenut li “l-ksur ta’ pacifiku pussess garantit [fl-artikolu 1409] irid jigi inkwadrat bhala fattispeci ta’ inadempiment tal-bejjiegh ghall-obbligazzjoni li jghaddi l-proprjetà fil-haga venduta lix-xerrej, ossija “le somme dei diritti constituente il dominio (**Kollez. Vol. XXIV P I p 954**)”.

**17.** Huwa evidenti li d-difett fl-EPROMM jinkwadra bhala fattispeci ta’ inadempiment tal-bejjiegh li jiggarantixxi l-pacifiku pussess tal-*fuel dispensing equipment* mibjugh lill-konvenut u ghalhekk huwa kopert bil-garanzija. Di fatti s-socjeta` attrici dejjem issostitwiet ghas-spejjez taghha u ghal iktar minn darba l-verzjoni tal-EPROMM fl-*Automatic Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600 tal-konvenut bl-iskop li jingharfu ahjar il-flus li jigu nseriti fil-magna.

**18.** Min-naha l-ohra daqstant iehor huwa evidenti li l-hsara fuq il-bieba tal-*cash acceptor* ikkagunata mill-att vandalu certament ma tinkwadrax bhala fattispeci ta’ inadempiment tas-socjeta` attrici bhala l-bejjiegh ghall-obbligazzjoni li ma jiksirx il-pacifiku pussess garantit tal-*fuel dispensing equipment* venduta lix-xerrej konvenut u ghalhekk din il-hsara ma tistax tkun koperta bil-garanzija.

**19.** Il-konvenut dan kien jafu tajjeb tant li, kif jirrizulta f'punt numru 9 tal-affidavit tieghu (a fol 128), meta induna bl-att vandalu huwa ma lmentax mas-socjeta` attrici izda mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija (a` fol 132) u nforma lill-*insurance* tieghu. Kif jikkonferma l-konvenut stess fil-kontro-ezami tieghu a` fol 186, l-ilment li huwa ressaq mas-socjeta` attrici ftit tal-jiem wara, ma kellu l-ebda rabta ma l-isgass li kien sar ftit jiem qabel, izda kien jirrigwarda unikament il-fatt li l-magna ma bdietx taccetta l-flus jew taccetta l-flus u taghti l-bqija hazin:-

"*B'referenza ghal ghaxar paragrafu ta' l-affidavit tieghi, l-avukat Desira qieghed jistaqsini ghaliex ladarba lis-sgass kien sehh fl-ahhar ta' Lulju, jiena avzajt lill-kumpanija attrici biss fis-6 ta' Awwissu u nispjega illi peress illi ma kienx hemm hsara ohra, kont avzajt lill-kumpanija attrici wara illi din il-magna ma bdietx taccetta l-flus. Irrid nghid ghalhekk **illi kieku mhux ghal fatt illi f'dawk il-hamest ijiem, il-magna ma bdietx taccetta l-flus jew inkella taccetta l-flus u taghti l-bqija hazin, jiena lil ASL ma kontx navza** ghaliex kif ghidt diga bl-isgass illi sar fil-31 ta' Lulju, ma kien hemm l-ebda hsara fil-magna, hlief fil-bieba.*"(sottolinear tal-Qorti).

**20.** Il-Qorti tqis li l-konvenut kien konsapevoli li d-difett tal-magna li ma taghrafx u ma taccettax flus ma kienetx issarraf fi bdil tal-*cash acceptor* shih izda biss fil-bdil tal-EPROMM ghal wiehed iktar aggornat, dan specjalment

meta jirrizulta mir-*repair form* numru 10320 (a fol 27 u 101) li l-EPROMM kien diga` nbidel darba fit-3 ta' Jannar 2000 qabel ma l-*cash acceptor* gie sostitwit fl-1 ta' Frar 2000. Tant il-konvenut ma kellu l-ebda pretensjoni li l-*cash acceptor* kellu jigi sostitwit b'wiehed gdid minghajr hlas li, kif jirrizulta mir-*repair form* numru 9003 (a` fol 7, 24 u 97) u f'punt numru 11 tal-affidavit tieghu a` fol 128, huwa staqsa lill-*electronics technician* kemm hi l-ispiza nvoluta biex jigi sostitwit l-*cash acceptor* f'wiehed gdid.

**21.** Fl-affidavit tieghu (a` fol 126) il-konvenut jargumenta li l-*electronics technician* Simon Cachia nfurmah li l-*cash acceptor* il-gdida inghatatlu b'xejn, insinwa li l-isgass sar minn Simon Cachia bhala l-persuna li kellu c-cavetta tal-magna u li s-socjeta` attrici talbitu l-flus biss wara li gieghlitu jiftah *claim* mal-*insurance* u l-konvenut irrifjuta.

**22.** Il-Qorti tqis li dawn is-sottomissjonijiet ma humiex verosimili u m'humiex sorretti minn ebda prova tangibbli li l-Qorti tista tistrieh fuqha. Fl-ewwel lok hemm inkonsistenzi bejn il-verzjoni moghtija mill-konvenut fl-affidavit tieghu u l-verzjoni moghtija minnu fir-rapporti li huwa ghamel mal-Pulizija. Ad ezempju fil-punti numri 15 u 16 tal-affidavit tieghu a` fol 129 il-konvenut ighid li s-Sur Rizzo ppropona li hu jaghmel *claim* ma l-*insurance* waqt laqgha li fiha kien prezenti wkoll l-*electronics technician* Simon Cachia mentri fir-rapport a` fol 134, il-verzjoni li ta lill-Pulizija kienet li s-Sur Rizzo cempillu biex jghidlu dan u mhux iltaqa' mieghu.

**23.** Fit-tieni lok is-socjeta` attrici ma kellha ebda raguni ghalfejn taghmel pressjoni fuq il-konvenut biex tinfetah *claim* u dan ghaliex, kif fuq inghad, is-socjeta` attrici ma kellha l-ebda obbligu li ssewwi l-hsara kagunata mill-att vandalu. Ghaldaqstant jinfetahx *claim* jew le ma kienx jaffettwa s-socjeta` attrici. Inoltre l-konvenut stqarr a` fol 128 tal-affidavit tieghu li huwa ghamel rapport lill-*insurance* tieghu tant li ntbaghat *surveyor* fuq il-post fejn dan ikkonkluda li l-magna ma kellhiex hsara. Ghaldaqstant il-konvenut kien jaf li huwa ma kienx ha jirnexxi fil-*claim* mal-*insurance* li kieku fetahha u ghalhekk ma fetahhiex.

**24.** Fir-rigward ta' dak sottomess mill-konvenut li l-*electronics technician* Simon Cachia nfurmah li l-*cash acceptor* il-gdida inghatatlu b'xejn, din il-Qorti hija disposta tqis ix-xhieda ta' Simon Cachia bhala iktar verosimili u cioe` li l-*cash acceptor* il-gdida inghatat 'on test for a period' u baqghet proprjeta` tal-kumpanija sakemm il-klijent ma jhallasx taghha (ara xhieda a` fol 117-120). Dan ghaliex kif diga` inghad ma kien hemm l-ebda raguni jew obbligu fuq is-socjeta` attrici li taghti b'xejn *cash acceptor* gdid.

**25.** Isegwi li meta fl-1 ta' Frar 2000 gie sostitwit il-*cash acceptor* mis-socjeta` attrici ghax hasbet li l-konvenut xtaq jixtri wahda gdida, il-konvenut kien xjenti li rcieva haga li ma kellux jiehu fit-termini tal-artikoli 1021 u 1024 tal-Kap. 16 u ghaldaqstant skattalu l-obbligu li jroddha lura lil dak li minn ghandu kien irceviha minghajr jedd u cioe` lis-socjeta` attrici.

**26.** Il-konvenut dan m'ghamlux anzi l-anqas halla l-*electronics technician* mibghut mis-socjeta` attrici, hekk kif gharfet li l-konvenut ma riedx ihallas ghal *cash acceptor* il-gdida, ibiddel il-*cash acceptor* ma' dak li kellu qabel u kif xehed hu stess a` fol 196, il-konvenut lanqas qatt ma gharraf lis-socjeta` attrici biex tigi u tigbor il-*cash acceptor*.

**27.** Din il-Qorti tqis ghalhekk li l-konvenut jinstab fil-pussess tal-*cash acceptor* in *mala fede* u, ghalkemm fix-xhieda tieghu a` fol 196 jghid li ghadha ghandu, din bla dubju tgharrqet tenut kont it-trapass ta' zmien. Isegwi b'applikazzjoni tal-artikolu 1025 li l-konvenut ghandu l-obbligu fit-termini tal-artikolu 556 tal-Kap. 16 li jhallas il-valur taghha fiz-zmien tat-talba mressqa mis-socjeta` attrici.

**28.** Din il-Qorti issa sejra titratta t-talbiet mressqa fil-kontro-talba u tibda billi tesprimi perplessita` dwar kif il-konvenut qed jippretendi r-rifuzjoni tal-prezz, in-nullita` ta' bejgh tal-*Automatic Fuel Dispensing Unit* tat-tip TS600 u l-likwidazzjoni u hlas ta' danni fuq ir-raguni li l-*cash acceptor* il-gdid kif sostitwit huwa allegatament difettuz meta dan m'huwiex il-*cash acceptor* li flimkien mal-bqija tal-*fuel dispensing equipment* is-socjeta` attrici ntrabtet li taghti lill-konvenut xerrej bi prezz u l-konvenut intrabat li jhallas fit-termini tal-artikoli 1346 u 1347. Ghaldaqstant il-*cash acceptor* il-gdid kif sostitwit ma jifformax parti mill-istess kuntratt ta' bejgh.

**29.** Dan il-*cash acceptor* il-gdid lanqas jista' jikkostitwixxi kuntratt ta' bejgh *ad hoc* fit-termini ta' l-istess artikoli u dan ghaliex kif johrog mhux kontestat mill-atti, ghalkemm is-socjeta` attrici intrabtet *buona fede* li tissostitwixxi l-*cash acceptor* il-gdid bi prezz, il-konvenut ma ntrabatx li jhallas u qatt m'accetta l-prezz (ara xhieda tal-konvenut a` fol 195:- "Nikkonferma pero` kif qieghed jissuggerixxi l-avukat Desira li meta jiena lill-kumpanija attrici gharraftha li ma kelliex il-hsieb illi nhallas il-prezz mitlub tal-*cash dispenser* l-gdida, huma kienu qaluli li ladarba ghamilt dik l-ghazla allura kienu ser jergghu jgibuli l-magna ta' qabel u johduli l-gdida illi qeghdu") ghax skontu s-sostituzzjoni tal-*cash acceptor* f'wiehed gdid kellu jkun kopert bil-garanzija (ara nota tal-eccezzjonijiet a` fol 12 u l-kontro-talba a` fol 15).

**30.** Kif gie stabbilit mill-Prim 'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Edgar Soler noe et vs Onor. Beltram Camilleri noe** datata 18 ta' Marzu 1950, "*il-pretensjoni ta' l-atturi, li huma qatt ma accettaw il-prezz, fil-kaz li tkun tista' tigi accettata, iggib bhala konsegwenza illi ma kienx hemm bejgh; il-ghaliex ma hemmx bejgh minghajr prezz; u l-prezz ghandu wkoll ikun cert, ghalkemm f'certi kazijiet jista' jkun injorat mill-partijiet, jew minn xi wahda minnhom, fil-mument tal-kontrattazzjoni; izda ghandu dejjem ikun cert, stabbilit u specifikat mill-partijiet (art. 1403(1) (art. 1353(1) Kodici Civili). Il-bejgh mhux perfett jekk ma jsirx il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz (art. 1397 (1347)*".

**31.** Ghalhekk in vista ta' dak dispost fl-artikoli 1346, 1347 u 1353(1) tal-Kodici Civili kif ukoll ta' dan l-insenjament gurisprudenzjali, ma jissussisti l-ebda kuntratt ta' bejgh li jista' jigi dikjarat null bejn il-partijiet rigward il-*cash acceptor* il-gdid kif sostitwit. Isegwi li t-talbiet prospettati fil-kontro-talba ma jistghux jintlaqghu.

**32.** Din il-Qorti tissottometti ulterjorment illi anke li kieku jezisti xi forma ta' kuntratt ta' bejgh rigward il-*cash acceptor* il-gdid fit-termini tal-artikoli msemmija, xorta wahda t-talbiet esperiti mill-konvenut rikonvenzjonant fil-kontro-talba ma jistghux jirnexxu legalment ghar-ragunijiet hawn taht moghtija.

**33.** Permezz tal-ewwel zewg talbiet u l-ahhar talba mressqa fil-kontro talba, il-konvenut rikonvenzjonant talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-*fuel dispensing equipment* Dostask System bil-*cash acceptor* kif sostitwit huwa milqut b'difett latenti u ghaldaqstant il-prezz ghandu jigi rifuz lura lill-konvenut u l-bejgh tieghu jigi dikjarat null. Il-konvenut rikonvenjent ghalhekk ghazel li jagixxi ghar-rexissjoni tal-vendita tramite l-*actio redibitioria* abbazi tal-artikolu 1427 tal-Kap. 16.

**34.** Fir-rigward tal-azzjoni redibitorja din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Hadrian Busietta noe**

**vs Adrian Borg Cardona et noe** datata 6 ta' Ottubru 2000 fejn irriteniet is-segwenti:-

"Il-ligi fil-kazijiet fejn jirrizulta lix-xerrej li l-oggett mibjugh kien affett mill-vizzju latenti, taghti biss tliet modi kif jirrejagixxi. Hu jista' jew semplicement jaccetta d-difett jew jagixxi kif ghamel l-attur ghar-rexissjoni tal-vendita tramite l-*actio redibitoria* jew alternattivament jagixxi ghar-riduzzjoni ta' dik il-parti mill-prezz miftiehem li tikkorrispondi ma' l-istima tad-difett riskontrat fl-*actio estimatoria*. Dan a tenur ta' l-artikolu 1427 tal-Kodici Civili. Huwa accettat fil-gurisprudenza Maltija illi l-kompratur ghandu diskrezzjoni assoluta dwar liema minn dawn iz-zewg azzjonijiet jista' javanza. Hekk il-Qorti fil-kawza **Zammit vs Mizzi**, deciza fl-**14 ta' Jannar, 1964** irritenit li "dan (id-dritt ta' l-ghazla ta' l-azzjoni) hu dritt insindakabbli" u fil-kawza **Axisa vs. Galea**, deciza fl-1957, il-Qorti ddikjarat li "il-konvenut ma jistax jindahal lix-xerrej fl-ghazla ta' l-azzjoni li jezercita". Però una volta jiddeciedi liema azzjoni hu ser jaghzel, il-kompratur ma ghandu l-ebda dritt li jirrinunzja ghaliha u jaghzel l-azzjoni l-ohra. Dan anke ghaliex iz-zewg azzjonijiet huma ta' natura differenti" (**Joseph Schembri vs. Paul Charles Caruana** deciza mill-**Prim' Awla fit-30 ta' Marzu, 1992**)" (sottolinear tal-Qorti). Ghalhekk *electa una via non datur recursus ad alteram*.

**35.** Ghalhekk, kif gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana u bi qbil ukoll ma' dak sottomess mis-socjeta` attrici rikonvenuta f'pagna 8 tan-nota ta'

sottomissjonijiet prezentata minnha (a` fol 269), "Fondamentali ghall-ewwel kwezit propost mill-Qorti hu l-principju li **l-*actio redibitoria* kienet timponi fuq il-kompratur "li jaghti lura l-haga" u cjoè r-restituzzjoni ta' l-oggett mixtri mill-venditur u kontestwalment li "jitlob ir-radd tal-prezz"**. **Il-ligi ma tippermetti allura l-ebda alternattiva ohra lill-kompratur li jaghzel li jagixxi bl-azzjoni redibitorja**. Fil-verita` allura l-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jzomm l-oggett f'idejh u li jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tieghu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oggett mibjugh ghaliex ikun irriskontra difett latenti li jaghti lura l-haga lill-venditur" (**Hadrian Busietta noe vs Adrian Borg Carodna et noe** fuq riferuta). (sottolinear tal-Qorti). Altrimenti kellu jezimi ruhu minn kull reponsabbilta` billi jadixxi lill-Qorti billi jghaddi ghad-depositu tal-oggett taht l-awtorita` taghha biex jevita l-effetti derimenti tar-ratifika tal-obbligazzjoni **(ara sentenza tal-Q.K fl-ismijiet Carmel Vella vs Rosalie Mifsud nomine Per Imhallef G. Mifsud Bonnici tat-2 ta' Novembru 1990)**.

**36.** B'applikazzjoni ghal dak espressament provdut fl-artikolu 1427 u l-insenjament moghti fis-sentenza citata, il-ligi permezz tal-artikolu msemmi, espressament timponi li l-element vitali fl-azzjoni redibitorja huwa li l-konvenut rikonvenjent bhala l-kumpratur jaghti lura l-haga lis-socjeta` attrici bhala l-venditur fl-istat li kienet fil-mument meta hu kien irriskontra l-allegat difett latenti u jirrifjuta li jaccetta l-oggett f'dik il-kondizzjoni.

**37.** Kif iddikjara l-konvenut rikonvenjent, huwa qatt ma gharraf lis-socjeta` attrici biex tigi u tigbor il-*cash acceptor* (ara xhieda tal-konvenut a` fol 196) anzi mill-fatti jirrizulta mhux kontestat li l-konvenut rikonvenzjonant ma halliex lis-socjeta` attrici stess tigbor il-*cash acceptor* wara li ndunat li l-konvenut mhux se jhallas taghha. Isegwi li l-azzjoni redibitorja esperita mill-konvenut rikonvenzjonant tfalli min dan l-aspett u ghalhekk ma tistax tregi legalment.

**38.** Fir-rigward tat-talbiet ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti rapprezentanti telf ta' qliegh, din il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza konkordi delineata fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla fl-ismijiet **Brian Mangion v. Mario Pulis** datata **20 ta' Ottubru 2005, Prim'Awla** u msemmija wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici a` fol 271 u cioe` li "*f'kaz li jigi allegat li kien hemm difett mohbi f'oggett mixtri, ma tistax issir azzjoni ghad-danni jew biex jisewwa' l-oggetti, u r-rimedji miftuha ghax-xerrej huma biss li jitlob it-thassir tal-bejgh jew tnaqqis fir-riduzzjoni tal-prezz*" (**Bezzina v. Borda**, Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Novembru 1990). Tabilhaqq "*xerrej, f'kaz ta' difetti latenti, ghandu biss l-azzjonijiet li tipprovdi l-ligi, dik redibitoria u dik aestinatoria, u mhux ukoll ghad-danni*" (**Balzan v. Celotti**, Qorti Civili Prim' Awla fit-22 ta' Novembru 1999). "*F'kaz ta' difett f'oggett mibjugh, ix-xerrej ma jistax kapriccosament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament*

*moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni. Hu jista' jirrifjuta dik il-merkanzija jew sahansitra jzommha bi prezz aktar baxx u f'kaz li n-nuqqas tal-bejjiegh jkun jirekalu danni, jitlob li jigi risarcit".* (**Buffa v. Roger Satariano and Sons Ltd**, Qorti Civili Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 1997). "*Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi imposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skont l-Artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16"* ( **Briffa v. Mallia**, Qorti Civili Prim'Awla, 28 ta' Frar, 2002). "[*L*]*-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza* ***Scicluna v. Scerri (Kummerc 16 ta' Jannar, 1958 – XLII.ii.855****), fejn inghad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-dispozizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi".* (**Nadia Cassar et v. Charles Pace noe**, Qorti tal-Kummerc, 13 ta' Marzu, 1995). Tal-istess

portata hija s-sentenza fl-ismijiet **Anthony McKay v. Alfred Cassar** (Kummerc 10 ta' Dicembru, 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redibitori*a jew l-azzjoni skont l-Artikolu 1390, u dan gie kkonfermat fis-sentenza **JC Hydraulics Ltd v. Waste Control Services Limited** Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 2001." (Ara wkoll **G.T. Shirts Company Limited et vs Godwin Navarro**, Qorti Civili Prim Awla, 2 ta' Ottubru 2014).

**39.** Il-Qorti qieset ukoll jekk l-oggett mertu tal-kawza hux ritornabbli fl-istat pristinu tieghu. Dan qieghed jinghad ai fini tal-ewwel talba attrici. Il-fehma ta' din il-Qorti hi, li wara t-trapass taz-zmien kollu, bizzejjed jinghad li l-kawza ilha pendenti ghal ben sbatax-il sena, huwa minn awl id-dinja li dan zgur ma ghadux fl-istat pristinu tieghu. Ghalhekk ma thossx li huwa prattikabbli li fic-cirkostanzi li dan l-apparat ikun ritornat u li jkun aktar gust li jithallas il-valur tieghu.

**40.** Ghaldaqstant it-talbiet rikonvenzjonali ghal-likwidazzjoni tad-danni ma jistghux lanqas jigu milqugha stante li ghal ragunijiet ampjament su spjegati huma bla bazi legali u ghalhekk improponibbli.

**<u>Decide</u>**

**41.** Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**Tichad** l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

**Tichad** ghar-ragunijiet fuq indikati t-talbiet rikonvenzjonali tal-istess konvenut.

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici fis-sens, li l-*cash acceptor* in kwistjoni, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ma hux ritornabbli stante li ma ghadux fl-istat pristinu tieghu u konsegwentement;

**Tilqa'** t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €5,341.72 (LM2,293.20) rapprezentanti l-valur tal-*cash acceptor* ikkonsenjat u installat mis-socjeta` attrici bl-imghaxijiet legali mill-jum li fih giet prezentata l-kawza odjerna sal pagament effettiv.

Spejjes tal-kawza ghandhom ikunu kollha sopportati mill-Intimat Constantino Abela.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**